HAL BALZAN

IS-SEBA' SENA Nru. 40

MARZU/APRIL 1978

EDITORJAL

• **GĦAR-RIKREAZZJONI TAT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**

Id-dar, tismagħhom igħidu n-nisa, bla fini! Tnaddaf kemm tnaddaf, u tirranġa kemm tirranġa, donnok ma tispiċċa qatt! Il-mara tad-dar dejjem issib x'tagħmel u qatt mhi lesta, għax id-dar dejjem trid! Dan nistgħu ngħiduh ukoll, forsi fuq skala akbar, għall-ambjent tal-belt jew raħal fejn ngħixu fejn, minn żmien għal żmien, jibdew jinħassu bżonnijiet ġodda.

Bżonn kbir li kien ilu jinħass sewwa f'Ħal Balzan kien il-ħolqien ta' post fejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jirrikrejaw ruħhom u jitħarrġu fl-isport. Nistgħu ngħidu li post ta' din ix-xorta qatt ma kellna fir-raħal, kif wieħed isib f'diversi nħawi oħra f'pajjiżna. Fl-imgħoddi kienu saru xi talbiet mill-Kunsill Ċiviku sabiex titwaqqaf 'playing field' f'Ħal Balzan, iżda għal xi raġuni jew oħra din ma saritx. Pass 'il quddiem kien meta xi snin ilu kien twaqqa' xi bini qadim wara l-knisja, u hekk inħolqot dik il-pjazza wiesgħa u arjuża li għandna llum. Iżda wkoll hawn, din il-pjazza qatt ma ġiet żviluppata biex taqdi dan il-għan, għalkemm iż-żgħażagħ malajr bidluha fi grawnd proviżorju, fejn setgħu jittrenjaw u anke jilagħbu xi logħba futbol.

Issa, għall-grazzja t'Alla, ir-raħal tagħna se jkollu 'playing field' u grawnd xieraq. Il-wesgħa li semmejna, li tiġi fuq wara tal-knisja, qed tiġi żviluppata tajjeb ħafna fi 'playing field', b'irqajja ta' ħamrija u, għandna nifhmu, xi bankijiet ukoll. Issa t-tfal tagħna se jkunu jistgħu jqattgħu l-ħin tar-rikreazzjoni tagħhom f'dan il-post, f'ambjent nadif u ferrieħi. F'dan l-istess post, xi żmien ilu kienet inbniet ukoll latrina pubblika. Hekk, l-ambjent ta' wara l-knisja rranġa ħafna, u żgur se jonqos dak il-ħafna agħjat u storbju tal-logħob tal-ballun li xi drabi kien jinstama' mill-knisja. Iż-żgħażagħ, min-naħa l-oħra, se jkollhom grawnd sabiħ u kbir qrib l-iskola primarja, grawnd li jkun jista' jaqdi l-ħtiġijiet ta' l-iskola fl-istess ħin.

Dawn iż-żewġ proġetti għar-raħal tagħna ma jistgħux ma jferrħuniex lilna, li għandna għal qalbna l-ġid u l-prosperità ta' Ħal Balzan. Ta' dan, f'isem il-Balzanin kollha, inħossu li għandna nirringrazzjaw lill-Gvern li ftakar fir-raħal tagħna wkoll. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li qed jagħtu sehemhom biex dan ix-xogħol isir. Jalla r-raħal tagħna dejjem isib nies li jinteressaw ruħhom fih.

• **L-ARTAL TA' SAN ĠUŻEPP**

Il-festa titulari ta' l-Annunzjata qed toqrob ġmielha u, bħal kull sena, fil-knisja dejjem tiżżanżan xi opra ġdida. Għal din is-sena, se jkollna l-artal ta' San Ġużepp, wieħed mill-erba' artali tal-korsija, li bħalissa qed isirlu xogħol ta' restawr u qed jiġi indurat. Hekk dan l-artal jiġi jaqbel ma' l-artali l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu u tad-Duluri. Dan ix-xogħol ma jistax ma jkomplix isebbaħ il-knisja tagħna, li t-tiżjin tabilħaqq jixirqilha, kif jixhdu bosta nies li jiġu jżuruha.

Biss, meta nitkellmu fuq xi xogħol fil-knisja ma nistgħux ma nsemmux il-pittura tal-kappellun tar-Rużarju, li nbdiet iżda m'hemmx li titkompla. Xbajna niktbu fuq dan is-suġġett, u naħsbu li dejjaqna l-qarrejja, iżda ma nistgħux ma nitkellmux fuqu meta naraw li x-xogħol miexi daqshekk bil-mod. Tgħid għall-festa li ġejja jkollna xi biċċa pittura oħra lesta?

SALE . . . SALE . . . SALE . . .

PARISON

700, HIGH STREET, HAMRUN

OKKAŻJONI MHUX TA' MIN JITLIFHA!

Gvieret 'double bed'		minn	£M4.25	għal	£M3.75
Lożor kbar	80 x 100	"	£M5.50	"	£M4.75
Lożor tal-għamara fjuriti bl-investa	80 x 100	"	£M7.00	"	£M6.00
Terylene abjad wisa'	48"	minn	55	għal	40
Terylene abjad wisa'	60"	"	65	"	50
Terylene fjurit wisa'	60"	"	90	"	75
Terylene abjad bil-frill wisa'	63"	"	75	"	60
Kreton wisa' doppju (taħt u fuq xorta)		minn	90		60
Drapp lixx oħxon	wisa' doppju	"	£M1.00		80
Regency 'striped'	wisa' doppju	"	£M1.75	"	£M1.30
Goblen	wisa' doppju	"	£M1.75	"	£M1.45
Tapizzerija	wisa' doppju	"	£M2.50	"	£M2.00
Damask	wisa' doppju	"	£M1.60	"	£M1.45
Dralon (bellus)	doppju	"	£M3.75	"	£M3.25

Tel. 27869

L-EWWEL CENTINARJU TAL-VARA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1868 - 1968

Is-sena 1968 kienet sena storika għar-raħal sabiħ tagħna. Din is-sena tibqa' miktuba b'ittri tad-deheb fl istorja ta' Ħal Balzan tagħna billi fiha ħabat l-ewwel ċentinarju tal-vara artistika u grazzjuża ta' Marija mħabbra mill-Arkanġlu Gabriel, ġawhra u għożża tal-veri Balzanin.

Kitba ta'
VALENTINO MUSCAT

Marzu 1868


Kienet is-sena 1868, meta l-antenati tagħna laqgħu bil-ferħa din l-istatwa li Mastru Salv Dimech, imlaqqam is-Sarċ, naqax fl-injam b'tant għaqal u ħila. Meta dan l-iskultur kien lesta l-opra tiegħu, il-Balzanin inkarigati minn dan ix-xogħol ħaduha r-Rabat ta' Malta għand l-induratur sabiex dan jinduraha u jiżgraffiha. L-istatwa ta' Marija Annunzjata issa kienet lesta biex tieħu postha fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan għall-qima tad-devoti tagħha. Bosta kienu dawk il-Balzanin li telgħu r-Rabat, dak iż-żmien jew bil-mixi jew fuq xi karrettun miġbud minn xi bhima tat-tagħbija sabiex jakkumpanjaw lil din l-istatwa fil-vjaġġ tagħha lejn il-knisja.

Ċinju Micallef mir-Rabat ta' Malta (1855-1874) (ara *Ħal Balzan* Nru. 15 p. 4), u fost l-entużjażmu tal-poplu preżenti bierek din l-istatwa ħelwa, li wara daħlet fil-knisja u ħadet postha biex ftit jiem wara jibdew il-festi ad unur tagħha. Ma ninsewx li dak iż-żmien il-festa ta' Marija Annunzjata kienet issir fil-25 ta' Marzu, li allura kien jum ta' l-obbligu u btala pubblika.

1930

Kienu għaddew madwar tnejn u sittin sena meta l-ħabrieki kappillan ta' dak iż-żmien, il-lum Mgr. Francesco Zahra (1923-1949), deherlu li kien reġa' wasal iż-żmien li l-vara tiġi ndurata u żgraffita mill-ġdid. Verament li l-ġbir li kien qiegħed isir dik il-ħabta kien biex titkompla l-pittura tal-knisja, iżda f'daqqa waħda l-idea tal-pittura taret mar-riħ u nibtet minflokha l-idea li tiġi restawrata l-vara ta' l-Annunzjata. Fis-sena 1930 reġgħet ġiet lura l-istatwa tagħna mix-xogħol li kien sarilha. Din id-darba x-xogħol ta' l-induratura sar il-belt Valletta għand id-ditta Coleiro. Minbarra l-induratura u l-iżgraffir, saru wkoll xi tibdiliet fl-iskultura tal-pedestall u saritilha bradella ġdida. Dawn l-alterazzjonijiet saru fuq id-disinn ta' l-iskultur Abraham Gatt minn Bormla u kienu esegwiti mill-

• għal paġna 4



Fis-sena 1930, il-vara ta' l-Annunzjata reġgħet ġiet indurata u żgraffita mill-ġdid. Fir-ritratt, il-vara tidher fil-bidu tat-Triq il-Kbira, qabel ma ttieħdet proċessjonalment mat-toroq tar-raħal fost il-briju tal-Balzanin.

Nisma' x-xjuħ ta' qabli jgħidu li dak in-nhar, qalb il-folla ta' Balzanin li kienu hemm jistennew li l-vara tibda triqitha lejn Ħal Balzan, kien hemm wieħed imlaqqam l-Orlandiż li qalilhom: "Ħuti Balzanin, għamilna din l-istatwa hekk sabiħa u se neħduha lejn ir-raħal mingħajr banda?" U dak il-ħin qala' l-milsa minn rasu u beda jiġbor, u f'qasir żmien kellu biżżejjed biex mar qala' l-Banda "L'Isle Adam", li akkompanjat il-vara mir-Rabat sa Ħal Balzan fejn kien hemm għadd kbir ta' Balzanin u barranin jistennew il-miġja tagħha. Hekk kif il-vara waslet fuq iz-zuntier tal-knisja ħareġ il-kappillan, li kien Dun Pawl Li-

NOTA EDITORJALI

Nistiednu lill-qarrejja u lill-Balzanin kollha sabiex jibagħtulna l-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom u wkoll kitbiet oħra għall-pubblikazzjoni. Tistgħu tindirizzaw il-kitbiet tagħkom fl-indirizz editorjali, jew inkella lil xi membru tal-Bord Editorjali. Il-membri li jiffurmaw il-Bord Editorjali huma:

- **Charles Bonello,** 4A, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan.
- **Carmel Bezzina, B.A.** 11, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Tel. 42459.
- **Anthony Fenech,** 'Miele', Triq il-Linja, Ħal Balzan. Tel. 40705.
- **Valentino Muscat,** 238, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Tel. 42597.

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "HAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Hal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.

X'ĠARA FOSTNA

JANNAR 1978

Il-Kwaranturi fil-Parroċċa bdew minn nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, u għalqu l-Hadd, 8 mix-xahar, festa ta' l-Epifanija. Is-Sagrament ġie espost fit-tlett ijiem wara l-aħħar quddiesa ta' fil-għodu; is-Sibt u l-Hadd saret l-adorazzjoni f'ħinijiet differenti mid-diversi għaqdiet tal-Parroċċa.

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, fis-6.30 p.m. il-Kappillan iċċelebra quddiesa fid-Dar tal-Kleru, Fleur-de-Lys. Waqt il-quddiesa, li għaliha attendew għadd ta' Balzanin, saret l-offerta ta' flus u oġġetti ta' l-ikel li nġabru min-nies tal-Parroċċa fi żmien il-Milied. Id-Direttur u s-sorijiet tad-Dar irringrazzjaw lil kulħadd għal din l-offerta sabiħa, u wegħdu li jitolbu dejjem għall-benefatturi tagħhom.

Is-Sibt, 21 ta'Jannar, fil-Knisja tal-Vitorja, il-Belt, saru sagħtejn adorazzjoni mill-Parroċċa tagħna. L-adorazzjoni saret bejn id-9 u l-11 ta' bil-lejl. Għadd sabiħ ta' parruċċani attendew għal din l-okkażjoni.

FRAR 1978

Il-festa tal-Kandlora ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa nhar il-Hamis, 2 ta' Frar. Fil-quddiesa ta' fil-għaxija sar it-tberik tax-xama'. Il-preżentazzjoni tax-xama' mbierek lill-Mons. Arċisqof mill-Kappillani ta' Malta saret nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Il-Kappillan tal-Parroċċa ħa sehem f'din l-okkażjoni u kkonċelebra ma' Mons. Arċisqof, li f'din l-okkażjoni laqa' wkoll offerti ta' oġġetti ta' l-ikel biex iqassamhom lill-istituti ta' l-orfni f'Malta.

Ir-Randan Imqaddes beda nhar l-Erbgħa, 8 tax-xahar. Fil-quddies kollu sar it-tberik u t-tqegħid ta' l-irmied. Il-Funzjoni solenni tat-tberik ta' l-irmied saret fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Frar, il-Knisja ċċelebrat il-festa tan-Nawfraġju f'Malta ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Għalkemm dan il-jum m'għadux vaganza pubblika, kull nisrani huwa fid-dmir gravi li jisma' l-quddies. Fil-Parroċċa l-quddies kien bħall-Hadd, u fil-għaxija saru żewġ quddisiet, għal aktar kumditā, u l- quddies kollu kien bl-omelija. B'hekk ġie mħares dan il-jum għażiż.

Tul dan ix-xahar, saru t-tifkiriet tad-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Bejn it-Tnejn, 20 mix-xahar, u l-Ġimgħa, 24 ta' Frar, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija saru l-eżerċizzi tar-Randan għaż-żgħażagħ minn Dun Vinċenz Cachia. Il-Ġimgħa ta' wara, sar kors ta' eżerċizzi għal kulħadd, fil-għaxija wkoll, mill-Kan. Kant. Giov. Borg.

MATUL IS-SNIN (1)

Hal Balzan u l-Kolera tal-1837.

F'Ġunju tal-1837, tfaċċat f'Malta l-marda qerrieda tal-kolera, li damet fostna sa Ottubru ta' l-istess sena, u b'kollox kaxkret magħha 4,253 ruħ. (1) F'Hal Balzan l-ewwel każijiet tal-kolera tfaċċaw bejn id-19 u l-25 ta' Lulju. F'dan il-perijodu, 5 persuni ħadu din il-marda u tnejn minnhom mietu. (2) Bejn it-2 u t-8 ta' Awissu, persuna oħra ħadet din il-marda u mietet (3) F'Hal Balzan l-aħħar każijiet tal-kolera tfaċċaw bejn is-16 u t-22 t'Awissu. F'dan il-perijodu sitt persuni ħadu din il-marda u minnhom mietu tlieta. (4) Mela b'kollox f'Hal Balzan mardu 12 bil-kolera li minnhom mietu 6.

(1) A.V. Laferla, "British Malta", Vol. 1 (Malta 1946), pp.163-164.
(2) Malta Govt. Gazette , 26-VII-1837, p.268.
(3) Ibid. p.283.
(4) Ibid. p.304.

W.L. Zammit

RECIPES FROM MALTA

A GUIDE TO TRADITIONAL MALTESE COOKING
Ktieb ta' tisjir tradizzjonali Malti

Issibu mingħand:

MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA - MALTA
(Near Upper Barracca Gardens)

LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave, Postcards, Ceramics, Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.
A VISIT IS SOLICITED Telephone: 21337

IL-KNISJA PARROKKJALI (28)

SAN GUZEPP

Kif l-artal tal-Madonna tal-Karmnu fiż-żmien kien iddedikat lit-Trinita' Mqaddsa, hekk ukoll dan l-artal ta' San Ġużepp kien ukoll iddedikat lill-Isem Imqaddes ta' Ġesù u l-Isem Imqaddes ta' Marija. Mela ħalli naraw lil dan l-artal fil-bidu tiegħu.

L-artal ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù

Kien il-Kappillan Dun Dumink Ellul, S.T.D., il-fundatur ta' dan l-artal. Tant hu hekk li fil-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Michael Molina nhar it-3 ta' Jannar 1678, insibu fir-relazzjoni li: "Wara li ra l-artal maġġur, tar-Rużarju u ta' Sant'Anna, ra l-Artal ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù'. Dan qiegħed in-naħa tal-lemin inti u dieħel il-Knisja. Dan l-artal għandu żewġ kolonni u hu mdawwar minn ornamenti ta' skultura u huma indurati. Dan l-artal sar b'turija ta' tjubija ighid li għad li hu mhux Balzani (nafu li Dun Duminik Ellul kien minn Hal Kirkop), u li la għandu ġenituri u lanqas qraba li joqogħdu f'din il-Parroċċa, bena dan l-artal u armah u żejnu b'kull ma kien jeħtieġ, jitlob li l-kamra żgħira li hemm ħdejn l-artal tar-Rużarju tiġi mogħtija lilu biex fiha jkun jista' jerfa' l-

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH



Kwadru—pittura ta' San Ġużepp, xogħol il-pittur Ramiro Calì

tal-Wisq Reverendu Dun Duminik Hellul, Kappillan. L-ispejjeż ta' dan l-artal ħallashom hu u, għad-devozzjoni li għandu lejn dan l-artal, qed iżommu mill-aħjar. Dan l-artal hu mżejjen minn għadd ta' grandlieri arġentati, fjuretti u paramenti sagri. Quddiem l-artal hemm lampier li jixgħel bħala devozzjoni.

Fil-gwarniċ indurat hemm il-Kwadru li jirrappreżenta x-xbiha ta' Ġesù Kristu, tal-Madonna u ta' San Ġużepp u xi qaddisin oħra. Il-festa ta' dan l-artal issir nhar il-festa taċ-Ċirkonċiżjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, kif ukoll nhar il-festa ta' l-Isem ta' Marija Verġni u ta' San Ġużepp." (1)

Rikors tal-Kappillan

Erba' snin wara l-imsemmija Viżta Pastorali, i l-Kappillan Dun Dumink Ellul, bħala prokuratur ta' l-artal tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù, ippreżenta rikors fil-Kurja ta' l-Isqof. F'dan ir-rikors, il-Kappillan oġġetti li jżejnu dan l-artal. Talab li biex ikollu dritt għal din il-kamra, kien lest li joffri tmien skudi, kif ġiet stmata mill-bennej Mastru Klement Borg u mil-lavrant Mastru Pawl Cortis. Dan ir-rikors għadda mill-Vigarju Kapitulari Mons. Fumicelli, nhar il-21 ta' Frar 1683.

Nhar is-26 ta' Diċembru 1683, il-Prokuratur tal-bini tal-Knisja, Dun Ġwann B. Frendo, irċieva minn għand il-Kappillan, Dun Dumink Ellul, tmien skudi bħala prezz tal-kamra ta' ħdejn l-artal tar-Rużarju. (2)

Il-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

Fl-Atti tan-Nutar Domenico Gatt, insibu li nhar it-3 ta' Frar 1689, il-Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan, Dun Dumink Ellul, ħalla sitt skudi u sitt tari bħala fundazzjoni bl-obbligu li nhar il-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù jsiru l-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata bid-daqq ta' l-orgni, kif ukoll biex jinxtegħel il-lampier fis-sibtijiet u l-Hdud u lejlet il-festi tal-Madonna. (3)

Dan l-obbligu tal-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù baqa' jitwettaq fuq dan l-artal għal bosta snin. (4)

Il-viżti pastorali u dan l-artal

L-għaxar Viżti Pastorali li saru lil din il-Knisja Parrokkjali, wara dik tat-3 ta' Jannar 1679 minn Mons. M.H. Molina, kollha qalu bejn wieħed u ieħor l-istess ħwejjeġ dwar dan l-artal jiġifieri li dan l-artal ġie mwaqqaf mill-Kappillan Dun Dumink Ellul u li kien armat tajjeb u ma kien jonqsu xejn.

Iżda fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Bartilmew Rull tad-9 ta' Ottubru 1758, insibu li dan l-artal hu ta' "Guspatronat tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Kirkop". Wara talab li l-ġebel tawwali (xorok) li hemm ħdejn l-artal jiġi mneħħi, kif ukoll talab li jekk hemm xi oqbra li fihom xi kadavri qrib l-artal, jiġu trasportati f'oqbra oħra aktar 'l hinn mill-artal. Talab ukoll li l-art ta' ħdejn l-artal tiġi rranġata b'ċangaturi oħra. (5)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Vincenzo Labini li għamel nhar id-9 ta' Ġunju 1781, insibu msemmija l-fundazzjoni li ħalla l-Kappillan Ellul fl-Atti tan-Nutar Gatt tat-3 ta' Frar 1684. (6)

Fis-7 ta' Frar 1887, l-Amministratur Apostoliku Mons. Isqof Antonio M. Buhagiar, fil-Viżta lil dan l-artal, kien talab li jiġi mibdul il-Kurċifiss li kien hemm fuq dan l-artal. (7)

Digriet ta' Dun Dumink Ellul

Fil-ktieb tad-Dħul u tal-Hruġ mis-snin 1783 sal-1809 insibu digriet li jgħid hekk: "Ir-Rev.du Dun Dumink Ellul, li kien Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan (il-Kappillan Ellul miet nhar il-11 ta' Lulju 1696), li waqqaf il-festi ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija u tat-Transtu ta' San Ġużepp u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju, jobbliga lill-Knisja Parrokkjali ta' Hal Kirkop, peress li ħallieha werrieta tal-beni tiegħu, biex twettaq dawn il-festi u oħrajn fuq l-artal ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, imwaqqaf fil-Knisja ta' Hal Balzan kif jidher fit-Testment tiegħu." (8)

Digriet ta' l-Isqof Labini

Fil-Ktieb tad-Dħul u tal-Hruġ fuq imsemmi, insibu li: "Mons Vincenzo Labini b'digriet li jġib id-data tal-10 ta' Ottubru 1787, jobbliga lill-Knisja ta' Hal Kirkop li tagħti sitt skudi u sitt tari, kif ukoll erba' skudi u disa' tari' u tnax-il ħabba fis-sena bħala frott ta' kapital ta' għoxrin

• għal paġna 3

• minn paġna 2

skud lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan skond it-testment ta' Dun Dumink Ellul." (9)

Il-flus jaslu minn Ħal Kirkop

Fil-Ktieb tad-Dħul insibu li f'Ottubru 1799 il-prokuratur ta' l-artal ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù rċieva sitt skudi u sitt tari' minn għand il-prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, bħala legat imħolli mill-mejjet Dun Dumink Ellul. (10)

Fl-amministrazzjoni ta' Gian Karl Grech Delicata, bħala Prokuratur tal-Knisja ta' Ħal Balzan mill-20 ta' Jannar 1798 sas-7 ta' Mejju 1801, għandna miktub li għad li fl-1798 Malta kienet qed issofri mill-Imblokk tal-Franċiżi, xorta saru l-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù. Dawn saru "gratis" bla ħlas minn Dun Saver, peress li ma kienx galbu li jinġabu l-flus minn Ħal Kirkop. Iżda f'Diċembru ta' dik is-sena, is-sagristan tal-knisja ta' Ħal Balzan mar jiġbor il-flus tal-legat ta' Dun Dumink Ellul u talli mar Ħal Kirkop u ġie, il-prokuratur Delicata taħ żewġ skudi. (11)

Il-kwadru ż-żgħir

Illum fuq il-kwadru l-kbir ta' San Ġużepp, naraw kwadru żgħir ta' San Alwigi Konzaga. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor tal-Madonna tar-Ružarju. Fil-Viżta ta' l-Isqof Gori Mancini tas-16 ta' Mejju 1723, insibu li fuq il-kwadru ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù kien hemm kwadru żgħir tal-Madonna tar-Rużarju. (12)

Il-festa ta' dan il-kwadru tal-Madonna tar-Ruażrju kienet issir nhar l-ottava tal-festa liturġika tal-Madonna tar-Rużarju. Fl-1696 saret nhar it-13 ta' Ottubru. (13)

U mill-1721 sal-1825 iffunzjona dejjem il-Kappillan Dun Marju Tonna u jingħad li din kienet legat tal-Kappillan Dun Dumink Ellul. (14)

Il-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija

Fuq dan l-artal insibu li, barra mill-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, bdiet issir ukoll il-festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija. Din il-festa fis-sena 1697 saret nhar id-9 ta' Settembru. Kienet tikkonsisti fi Primi Vespri u Quddiesa Kantata. Dik id-darba iffunzjona Dun Marju Hellul li kien il-Prokuratur ta' l-artal. (15) Fl-1712 din il-Festa saret nhar il-11 ta' Settembru u ffunzjona Dun Salv Debono. (16)

Il-festa tat-Transtu ta' San Ġużepp

Fuq dan l-artal kienet issir il-festa tat-Transtu ta' San Ġużepp. Din il-festa kienet issir ġeneralment nhar il-21 ta' Lulju. Il-festa kienet tikkonsisti fi Primi Vespri u Quddiesa Kantata. (17)

Dan l-Artal illum

Dan l-artal illum hu ddedikat lil San Ġużepp. Il-kwadru li hemm illum sar mill-Pittur Ramiro Cali, li qam għoxrin lira sterlina u li tħallas nhar it-30 ta' Marzu 1936. (18)

Bħal issa fuq dan l-artal qed isir ix-xogħol bi thejjija biex jiġi ndurat bħal ma diġa' ġew indurati l-artali tal-Kurċifiss, tad-Duluri u tal-Madonna tal-Karmnu.

L-iskrizzjonijiet li hemm madwar dan l-artal huma:

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi"

"Int il-glorja ta' Ġerusalemm".

"Int l-hena ta' Israel".

"Int l-unur tal-poplu tagħna".

Illum dan l-artal hu ta' l-irħam u ħallas għalih is-Sur Vinċenz Brinċat.

Referenzi


1. MOLINA M.H. Viżta Past fol 114
2. KURJA ARĊIV. Rikorsi Vol2 p.16
3. ARKIV. PARR. Lib. 20
4. ARKIV. PARR. Lib. 41
5. RULL B. Viżta Past. Vol.II p.1
6. LABINI V. Viżta Past. fol. 289
7. BUHAGIAR A.M. Viżta Past. 271
8. ARKIV. PARR. Lib. 48 p.15
9. Ibid. Cit.
10. ARKIV. PARR. Lib. 5
11. Ibid. Cit.
12. MANCINI G.G. Viżta Past. fol. 385
13. ARKIV. PARR. Lib. 41
14. " " Lib. 11
15. " " Lib. 41
16. " " Lib. 11
17. " " Lib. 41
18. " " Lib. 29, fol. 169

PATRI ARKANĠLU ZAMMIT O.F.M.

(1647-1713)

Prefett Missjunarju fil-Medju Orjent, minn Ħal Balzan

Qrajt bi swied il-qalb in-nekroloġija ta' Patri Valentin Cardona, O.F.M. (1900-1977) minn Ħal Balzan, fil-ħarġa Novembru-Diċembru ta' dil-gazzetta, minn sieħbu Patri Mikiel Catania, O.F.M.



Patri Valentin kellu raġun iħobb dak ix-xogħol missjonarju speċjalment lejn l-Art imsoqqija bil-għaraq u biddemm prezzjożissimu ta' fejn għex u ġie maqtul is-Salvatur tagħna Gesù Kristu, billi din l-imħabba kkupjaha u xorobha mhux tant mill-Patrijiet sħabu Kummissarji fostna tat-Terra Santa, imma iżjed u iżjed għaliex ħa dik il-ħajra qaddisa minn kelmet missieru li fi żmienu kien għad hemm fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan pittura ta' Patri Franġiskan Minuri ta' l-antik minn Ħal Balzan, irrid ingħid ta' Patri Arkanġlu Zammit, li qatta' 40 sena Missjonarju fil-Palestina, fis-Sirja u fl-Eġittu fejn sa kkonverta għall-Fidi Kattolika fl-1712 lill-Patrijarka Grieg Samwel Capisuli ta' Lixandra, u li baqa' hemm sa ma miet ta' 66 sena fit-23 ta' Novembru 1713 f'Memfi. Dal-Patri Balzani Arkanġlu kien predikatur famuż, awtur ta' kotba bil-Għarbi u sa laħaq Prefett Missjonarju ta' l-Ordni tiegħu fil-Lvant Nofsani.

Dal-kwadru antik tneħħa minn Ħal Balzan meta f'tarf is-seklu li għadda għaddiet bħal mewġa ta' distruzzjoni minn fuq bosta knejjes ta' gżiritna, irrid infisser meta tneħħa dak ix-xogħol sabiħ Barokk ta' skultura filġebel li kien hemm qabel ma' dwar l-artali, bħal f'Ħal Balzan, Ħal Tarxien u Ħal Qormi, għax bdew igħidu li ħitan lixxi kienu isbaħ u aħjar u li kwadri antiki jġibu l-kamla u jżommu trab u ħmieġ. Fortunatament dal-kwadru ħaduh fil-kunvent ta' Ġieżu tal-Belt, fejn allura, peress li kellhom diġa' ieħor ta' dal-Patri qalbieni, illum hemm tnejn miżmumin tajjeb ferm fil-bibljoteka tal-kunvent.

Għeżież Balzanin, itolbuh lill-Patri Provinċjal forsi jtihulkom, mhux biss bħala unur ta' pajjiżkom imma biex, min jaf, bħal Patri Valentin jerġa' jkun hemm xi ġuvni qalbieni u ġeneruż li lest jimxi fit-triq diffiċli u glorjuża ta' dawn iż-żewġ ulied Balzanin tal-Fqajjar ta' Assisi.

Naturalment, jekk jirnexxilkom dal-ħsieb, tkunu tistgħu tagħmluh pariġġ tal-Balzani l-ieħor Monsinjur Dun Dumink Debono, J.U.D., Protonotarju Apostoliku, ukoll minn Ħal Balzan.

Kav. Jos. Borg

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Xejn ma jsebbaħ il-persuna tat-tifel jew tifla, daqskemm karattru tajjeb.

B'karattru tajjeb nifhmu dawk il-kwalitajiet sbieħ li jagħmlu lill-bniedem maħbub u stmat minn kulħadd u fuq kollox afdat dejjem u kullimkien.

Tifel ta' karattru tajjeb ma jimxix u ma jirraġunax skond kif igħidlu ħaddieħor, iżda jagħmel kollox kif tassew għandu jkun u kif inhu xieraq.

Fejn għandu jgħid "iva", bniedem ta' karattru ma jgħidx "le", u fejn għandu jgħid "le" ma jweġibx "iva".

Min għandu karattru tajjeb ma jasal qatt li jweġġa' 'l ħaddieħor b'ilsienu u dejjem lest li jirrispetta 'l kulħadd, jaqbel jew ma jaqbilx miegħu.

Min iqis biss lilu nnifsu u ma jħabbilx rasu minn ħaddieħor juri li m'għandux karattru tajjeb. Hekk, tifel jew tifla li jridu jilagħbu, għandhom iqisu li bil-logħob tagħhom ma jdejqux lill-oħrajn.

Il-karattru tajjeb hu li jagħmel lill-bniedem bniedem. Bniedem ta' bla karattru la jżomm kelmtu m'Alla u lanqas mal-bnedmin.

Għalhekk, għeżież tfal, qisu li jkollkom karattru tajjeb fikom għax bih iridkom kulħadd u mingħajru jwarrabkom kulħadd. Dan iġġibuh fikom billi taħarbu dak kollu li mhux sewwa u tagħmlu biss dak kollu li hu xieraq.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra għalikom, u nixtieq li n-numru tat-tfal li jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet jiżdied. Din id-darba hejjejnielkom kompetizzjoni li naħsbu li tinteressakom. Għandkom għaxar qwiel (proverbji) Maltin biex tirranġawhom biex jinqraw sewwa. Xogħolkom hu li tqabblu t-tieni biċċa ma' l-ewwel biċċa. Il-qwiel huma dawn:

1.	**Għal kull għadma**	—	**u x-xita tmissu.**
2.	**Il-ħmar il-magħkus**	—	**jibqa' b'reħitha.**
3.	**L-ajru għandu għajnu**	—	**u żaqqu ratba.**
4.	**Il-baħar rasu iebsa**	—	**għandu nofsha.**
5.	**Awissu x-xemx taħarqu**	—	**jiġi l-meraq.**
6.	**Min jidħol bejn il-basla u qoxritha**	—	**idur għalih id-dubbien.**
7.	**Wara l-beraq**	—	**fl-aħħar tinkiser.**
8.	**Bin is-sengħa**	—	**hawn mitt kelb.**
9.	**Il-ħanżir taqtagħlu denbu**	—	**u l-ħajt għandu widintu.**
10.	**Il-ġarra ġejja u sejra**	—	**ħanżir jibqa'.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 22 t'April, 1978.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa kienu:

1. Fl-1530; 2. Fl-1565, Il-Gran Mastru Jean de la Valette; 3. Il-Gran Mastru Philippe Villiers de l'Isle Adam; 4. Il-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien Robert Cardona li joqgħod 27 Triq San Valentinu Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

VICTOR BRINCAT

GENERAL WOODWORK

SPECIALISES IN

RESTAURANT

FURNITURE

64, NAXXAR ROAD,

BIRKIRKARA

Telephone: 42949

TFAJLA BALZANIJA TILGHAB FUTBOL PROFESSJONALI

Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Marzu 1978, Giselle Degiorgio, tfajla minn Ħal Balzan, ħalliet Malta biex tingħaqad ma' tim tal-futbol Taljan u hemm taqbad din il-karriera sportiva b'mod professjonali. Giselle minn dejjem kienet mixħuta għal dan l-isport, u din il-ġibda kompliet saħħitha s-sena li għaddiet meta bdiet tifforma parti mit-tim tal-futbol tat-tfajliet ta' l-Iskola Sekondarja ta' Sta. Venera. It-talent sportiv tagħha mbagħad intebħu bih id-diriġenti tat-tim Taljan, meta dan l-aħħar tim ta' tfajliet Maltin marru jilagħbu Sqallija, u offrewlha li tmur tilgħab magħhom. Aħna nifirħu lil Giselle Degiorgio u nawgurawlha aktar suċċessi fil-ġejjieni fil-qasam tal-futbol.

Sadanittant, minbarra Giselle, żewġ tfajliet Balzanin oħra kienu jiffurmaw parti mit-tim tal-futbol li żar Sqallija. Dawn huma Marisa Caruana u Elizabeth Monreal. Elizabeth u Marisa kitbulna hekk:

Aħna, tliet tfajliet minn Ħal Balzan, Giselle Degiorgio, Elizabeth Monreal, u Marisa Caruana, intgħażilna mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex nirrappreżentaw lil Malta fit-tim tal-futbol tat-tfajliet. Aħna lgħabna kontra t-tim "Jolly Camponibili", li huma professjonisti. Tlifna bl-iskor ta' 2-0. Meta s-sena l-oħra lgħabna fil-grawnd tal-Marsa tlifna bl-iskor ta' 4-0.



Aħna tlaqna minn Malta l-Ħamis 16 ta' Frar, u ġejna lura fil-21 ta' Frar. Ġejna milqugħa tajjeb ħafna u huma dawruna kemm setgħu. Dak in-nhar stess li wasalna, aħna kellna intervista fuq it-television. L-għada morna Giardino Bellini. Morna wkoll naraw opra fit-teatru Massimo Bellini. Il-Ħadd wasal u dak in-nhar qomna kmieni peress li fl-għaxra u nofs kellna nibdew il-logħba. Aħna lgħabna fil-grawnd ta' "Cibali" Catania, fejn kien hemm ħafna nies biex jaraw din il-logħba ta' ħbiberija. Wara ħaduna nieklu Taormina. Għalkemm kellna logħba daqsxejn iebsa, it-tim kollu stinka biex żammejna l-iskor baxx. Tant hu hekk li mit-tim tagħna għażlu tnejn, fosthom Giselle Degiorgio. biex jilagħbu "football professjonali".

Aħna kellna wkoll ix-xorti li nitilgħu fuq il-muntanja Etna, fejn hemmhekk ħadna pjaċir ħafna. Il-ħamest ijiem malajr għaddew, u għalhekk it-Tlieta, 21 ta' Frar, aħna kellna niġu lura Malta.

Elizabeth Monreal u Marisa Caruana.

'THE PURPLE HEARTS'

Grupp ġdid fix-xena lokali, li huwa minn Ħal Balzan, hu THE PURPLE HEARTS. Il-grupp, kompost minn Joe Bezzina, Joe Vella u Renzo Lanzon, oriġina ruħu ftit xhur ilu biss. 'The Purple Hearts' huwa akkompanjat minn grupp ieħor, li huwa kompost minn Kolin Borg (lead guitarist), Nello Micallef (Base), u Marco Bartolo (Drums).

'The Purple Hearts' diġa' deher f'xi swali lokali u kien milqugħ tajjeb mill-udjenza. Din is-sena, il-grupp qiegħed jaspira biex jikseb is-suċċessi f'xi festivals. Joe Bezzina, il-leader tal-grupp, diġa' kiteb kanzunetta li fil-futur ser toħroġ diska. Kummenti tal-grupp huma dawn:

Joe Bezzina: Dejjem bixxewqa li ngħaqqad grupp u fl-aħħar irnexxieli. Sa issa, il-pubbliku laqagħna tajjeb u dan lilna għamlilna kuraġġ kbir biex nibqgħu flimkien, u nisperaw li niksbu s-suċċessi mixtieqa minna. Joe Vella: Dak li dejjem xtaqt sa fl-aħħar wasal, biss għadni miniex kuntent għal kollox. Inkun mija fil-mija kuntent meta noħorġu d-diska, u naturalment tiksbilna suċċess. Renzo Lanzon: Jien bħal sħabi kelli l-ambizzjoni li nidħol f'xi grupp. Nispera li bħal ħafna gruppi hawn Malta, tagħna jkun wieħed mill-aħjar.

RINGRAZZJAMENT

Nirringrazzjaw lil N.N. minn Ħal Balzan għall-offerta sabiħa ta' £M10; nirringrazzjaw ukoll lil Chev. O. Calleja Urry (60c) u lil Mons. F.S. Zahra (25c).

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

L-EWWEL ĊENTINARJU TAL-VARA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1868 - 1968

• **minn paġna 1**

iskultur Manwel Buhagiar ta' Raħal Ġdid. Din id-darba l-vara ġiet Ħal Balzan nhar l-Għid il-Kbir, Ħadd qabel il-festa proprja, billi dak iż-żmien il-festa tagħna kienet tiġi ċċelebrata nhar Ħadd il-Ġdid. Niftakar qisu l-bieraħ, il-korteo bl-istatwa telaq minn tarf Ħal Balzan, mill-post fejn illum hemm il-Valley Butcher (ara r-ritratt), u dar mat-toroq kollha ta' Ħal Balzan. Għadni qed naraha fejn l-għassa tal-Pulizija f'tarf ir-raħal u nieżla lejn il-parroċċa fost id-daqq ferrieħi tal-Banda "Sant'Elena" ta' Birkirkara li akkumpanjatha matul il-korteo kollu. Ftit snin wara sar ukoll il-bankun sabiħ li għandna llum, li kompla sebbaħ l-opra li kien għamel Mastru Salv Dimech. Dan sar fuq id-disinn ta' l-istess skultur, Abraham Gatt, u nħadem mill-istess skultur Manwel Buhagiar. Dan il-bankun sar ukoll bit-tħabrik tal-Kappillan F.X. Zahra.

Marzu 1968

Wara li tajt xi tagħrif fuq il-vara tagħna, tajjeb li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dak li sar nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 1968, meta ċċelebrajna mhux formalment l-ewwel ċentinarju tal-vara għax ċelebrazzjonijiet kbar saru sena wara, fl-1960. meta ċċelebrajna l-ewwel ċentinarju tal-vara u t-tielet ċentinarju tal-bini tal-knisja parrokkjali (1669-1969). Il-parroċċa tagħna dejjem tfakkar il-jum proprju tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla nhar il-25 ta' Marzu b'funzjonijiet xierqa. Iżda f'din is-sena ta' l-1968, biex jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju kienet se tiġi esposta fil-knisja l-istatwa ta' Marija Annunzjata, kif isir meta Ħal Balzan jiċċelebra sollennement il-festa tal-patruna tiegħu. Meta sirt naf li l-maħbub Kappillan tagħna, il-Kanonku Dun Karm Sciberras, kien se joħroġ l-istatwa fil-knisja għal nhar il-25 ta' Marzu, dritt mort għandu u wrejtu bl-idea li ġietni. Għidtlu li kienet tkun ħaġa xierqa li f'dak il-jum issir purċissjoni bl-istatwa mat-toroq ewlenin tar-raħal. Mill-ewwel qabel ma' l-idea li tajtu, biss weġibni li l-ewwel irid jitlob il-permess ta' l-Arċisqof, li allura kien Mgr. Mikiel Gonzi. Wara ftit jiem huwa qalli li kien kollox sew rigward il-purċissjoni. Issa kien jonqos il-permess tal-kummissarju tal-pulizija. Dan il-permess ma kienx tant faċli daqs kemm wieħed jaħseb, kif qalli l-kappillan stess wara li għaddiet din il-ġrajja storika. Qalli li ltaqa' ma' ħafna ostakli, u l-purċissjoni ta' dan il-jum imsemmi saret kollha bil-ħila għaqlija tal-ħabrieki kappillan.

Il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 1968, f'nofs in-nhar, il-qniepen sbieħ tal-parroċċa tagħna taw bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet bid-daqq ferrieħi tagħhom. Il-funzjonijiet fil-knisja kienu verament denji għal dan il-jum kbir fil-liturġija tal-knisja. Nixtieq infakkar ukoll li minbarra l-funzjonijiet li saru fil-parroċċa l-kbira, saret ukoll quddiesa fil-parroċċa l-qadima. Wasal imbagħad il-ħin li tibda l-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata. Il-Balzanin ikkonkorrew bi ħgarhom għal dan l-avveniment speċjali u mxew b'devozzjoni kbira quddiem l-istatwa bix-xema' f'idejhom billi l-purċissjoni kienet "Aux Flambeaux". Il-purċissjoni ħarġet mill-parroċċa, ġibdet lejn il-pjazza, għaddiet minn Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentinu u lura lejn il-parroċċa. Ma' tul il-purċissjoni ġie reċitat ir-Ružarju Mqaddes. Kienet verament purċissjoni straordinarja li ħalliet ferħ u paċi fil-qlub mhux biss tal-Balzanin iżda wkoll fil-qlub tal-barranin li kienu preżenti.

Hawn ta' min isemmi li ż-żewġ każini, flimkien ma' ġuvnott ta' dsatax-il sena li kien joqgħod ħdejn il-knisja, weħlu l-artiklu 23 talli ħarqu xi nar mingħajr il-permess meħtieġ skond il-liġi. Il-każin tal-Banda "San Gabriel" spara xi bombi tal-bjut fil-ħruġ u fid-dħul tal-purċissjoni. Il-każin "Marija Annunzjata" spara xi bombi tal-bjut meta l-vara għaddiet minn quddiemu, u l-ġuvnott li semmejt kien ħaraq batterija ta' stoppini kif il-vara kienet dieħla fil-knisja. Dan kien inċident ftit li xejn sabiħ u ta' min isemmih, iżda donnu li fil-festa tagħna xi ftit ta' l-inkwiet li jaqta' l-qalb ta' l-inkarigati tista' tgħid li ma jonqos qatt, l-aktar meta tiġi biex tagħmel xi preparamenti li għandhom x'jaqsmu mal-festi esterni li jiddependu minn xi ħadd ta' barra mir-raħal, bħal per eżempju meta tiġi biex taqla' l-baned, minn fejn jibdew il-marċi, fejn jisparaw in-nar ta' l-ajru, u ntietef oħra bħal dawn. Fi tfuliti ġieli smajt lill-Kappillan, Dun Amabile Sisner (1895-1923), igħid li meta Alla kien se jibgħat lil Ibnu fid-dinja, kien qam l-infern kollu, u donnu li l-infern iqum kull darba li l-knisja tfakkar dan il-jum għażiż. U mill-esperjenza li għandi tal-festa tagħna, ix-xjaten kollha jagħmlu ħilithom biex donnhom jisfrattaw il-festi li nagħmlu lil Sidtna Marija taħt it-titolu ta' l-Annunzjata. Biss qatt ma rnexxielhom il-ħsieb tagħhom, għax il-festa tagħna kienet dejjem suċċess u dejjem qiegħda tikber minn sena għal oħra.

Wara li spiċċat il-funzjoni ta' fil-għaxija ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 1968, il-Banda 'San Gabriel' ferrħet it-toroq tar-raħal b'marċi sbieħ u ferrieħa. L-ewwel daret mat-toroq tal-parti t'isfel tar-raħal u mbagħad kompliet iddur mat-toroq tal-parti ta' fuq tar-raħal. Kbir kien l-għadd tan-nies li akkompanjaw lill-banda u l-entużjażmu taż-żgħażagħ xejn ma naqas tul il-marċ kollu.


Hekk spiċċa dan il-jum storiku għalina l-Balzanin, biss it-tifkira tiegħu għadha stampata f'moħħna u f'qalbna; u biex żgur dan il-jum ma jintesa qatt il-kappillan preżenti ħalla t-tifkira tiegħu li għadha tiġri fl-idejn billi f'dak il-jum kien qassam santi bir-ritratt ta' l-istatwa ħelwa tagħna u taħt ir-ritratt kien hemm dan li ġej:

"Tifkira ta' għeluq il-mitt sena ta' l-istatwa ta' Marija Annunzjata. Balzan 1868-1968".

Ħajr lill-Kan. Dun Spiridione Sammut u lis-sur Ġużeppi Sammut (il-Keti) ta' xi informazzjoni li tawni.

PROFILI BALZANIN — 10

VALENTINO CHETCUTI



Valent Chetcuti twieled Ħal Balzan fil-21 ta' Ġunju, 1929, minn Salvu u Marija, imwielda Buhagiar. Huwa beda jmur l-Iskola Primarja tal-Gvern, minn fejn għadda għat-'Technical School' ta' l-Imrieħel fejn beda jitgħallem l-inġinerija. Ta' ħmistax-il sena, però, daħal jaħdem mal-Gvern bħala apprentista fil-'meters' ta' l-ilma, u wara sar 'Assistent Engine Driver' fil-Pumping Station, u fl-1973 sar 'Engine Driver'.

Valent minn dejjem ħa interess kbir fil-qasam Balzani u hekk insibuh bħala Ass. Kaxxier fil-Każin Marija Annunzjata. Meta daħal abbati beda jgħin lil Mikiel is-Sagristan fix-xogħol tal-knisja, u minn dak iż-żmien 'il hawn baqa' dejjem jagħti daqqa t'id sewwa f'dak kollu li jkollha bżonn il-parroċċa.

Kien għadu żgħir meta għen fit-tħaffir taċ-ċimiterju, u l-flus li huwa u sħabu ffrankaw bix-xogħol tagħhom marru għall-qanpiena l-kbira. Ħadem ukoll fil-paviment ta' l-irħam, fiċ-ċangar taz-zuntier, fir-restawrar tal-koppla, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra, kif ukoll għamlilha sistema ta' dawl permanenti fil-pajpijiet.

Valent għen biex naqax l-iskultura u d-dekorazzjoni, fuq disinn tal-Kan. Dun Spir, fil-kappelluni tal-Kurċifiss u tar-Ružarju. Huwa żebagħ u għamel id-dekorazzjoni tas-saqaf tal-kursija; tal-kor; ta' l-artali tal-Kurċifiss, tal-Karmnu, tad-Duluri u issa ta' San Ġużepp. Huwa ħadem niċeċ ġodda għall-istatwi ta' San Mikiel, ta' Santa Rita, tad-Duluri, kif ukoll irranġa dawk tal-Lunzjata u tar-Ružarju. Barra minn dan, hu ħa ħsieb jiġbor għal diversi opri, bil-permess tal-Kappillan. Hekk insibu li ġabar għal żewġ purtieri tal-bibien tal-kappelluni; leġiju tal-fidda; terħa tal-bellus għall-artal ta' San Pawl; pjaneta tal-lama bir-rakkmu għall-festa; sitt gandlieri, sitt fjuretti u ventartal għall-artal ta' Sant'Anna u anke għall-induratura u d-dekorazzjoni ta' l-artal tal-Madonna tal-Karmnu.

Valent Chetcuti kien ukoll membru fil-Kumitat Ċiviku u membru fil-Kumitat tal-Pittura. Huwa miżżewweġ lil Marjanna, imwielda Spiteri, u għandhom żewġt itfal.

TINSEWX TAGĦTU XI KONTRIBUZZJONI GĦALL-GAZZETTA "ĦAL BALZAN"